# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

25 ta' Awwissu, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

Aġenda Nru. 16

16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 15 - 9;
16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
16.5 Komunikazzjoni;
16.6 Il-Proġett ta' Riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita;
16.7 Applikazzjoni mill-ġdid - Europe for Citizens;
16.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2020;
16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 16 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

16.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 15 - 9

16.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 15 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur li suppost għamel ix-xogħolijiet fuq is-sitt siġriet tal-palm li hemm f'din il-junction biex dawn jinqalgħu u jitħawlu mill-ġdid fil-viċinanzi dan ix-xogħol ma sarx peress li dawn fejn kellhom jeħlu tlieta minnhom fuq in-naħa tal-ħajt tal-iskola nstab li hemm il-high tension tad-dawl tal-EneMalta u fuq in-naħa tal-playing field hemm il-fiber optic tal-Go p.l.c. u tal-Melita Ltd. Għalhekk saret laqgħa fuq il-post mall-Kuntrattur fejn preżenti kien hemm s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, Uffiċjal mill-Aġrikultura u l-Kuntrattur li kien se jgħamel dan ix-xogħol. Il-Perit ġie ukoll fuq il-post u mmarka kif ser tiġi l-bankina fuq in-naħa tal-playing field. Meta il-Kuntrattur ra dan u meta l-uffiċjal tal-Agrikultura ssuġġerixxa li 4 minnhom jitħawlu fil-Playing field, meta ntqal dan il-Kuntrattur ma qabilx mall-kwotazzjoni li kien offra għax qal li għandu bżonn ta' aktar makkinarju biex ikun jista' jħawwel dawn fil-playing field u hu talab l-ammont ta' €1770 aktar fuq il-kwotazzjoni li kien ta għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill ma setgħax jgħamel dan. Is-Sindku qal li sadanittant il-Kunsill kellem lill-kuntrattur l-ieħor li kien ta' il-kwotazzjoni li kienet se tiġi irħas minn dak li issa kien qed jitlob dan u x-xogħolijiet ser isiru minnhu. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill. Rigward il-fanali tal-Junction il-Kunsill kien kiteb lill-MGOZ biex dawn ukoll jinqalgħu u minflok jitwaħħlu floodlights temporanji biex din iż-żona tkun mixgħula bil-lejl. B'hekk ix-xogħol fi Triq Sannat u l-junction jkun jista jitkompla. Is-Sindku qal li hu flimkien mall-Perit iltaqgħu ma uffiċjali minn Transport Malta fuq il-post fi Triq Sannat fejn ġie spjeġat aħjar it-traffic management ta dan il-proġett. Riġward il-bankina ta quddiem il-latrina, il-berġa u l-għassa din għandha tiġi rranġata b'rampa itwal biex tkun aktar aċċessibli u tarġa oħra fil-bankina. Dwar it-talba għar-railing tal-istanless steel mill-MGOZ din ġiet aċċettata.

16.3.2 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa semma li Pjazzetta tax-Xelina għandha bżonn li ssir manutensjoni fil-pavimentar tal-mantuċċina u l-Kunsill kien qabel ma dan. Il-Kunsill tkellem mall-Kuntrattur li ser jgħamel dan ix-xogħol. Is-Sindku u l-Kunsill qablu li dan il-pavimentar fil-pjazzetta għandu jingħata manutensjoni ta' grouting kif mistħoqq. Dan ix-xogħol għandu jsir meta ma jkunx qed isiru xogħolijiet fi Triq Sannat biex b'hekk ma jkollniex konġestjoni tat-traffiku.

16.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tlestiet it-tiswija tal-ġibja fil-Ġnien tal-Bidwi u qed timtela bl-ilma biex dan il-ġnien jkun jista jissaqqa kif hu meħtieġ. Hu qal li l-MGOZ laqgħet it-talba tal-Kunsill

ta' għajnuna ta' ġardinar part-time u minn nhar it-Tlieta 4 ta' Awwissu 2020 beda ġardinar biex isir ix-xogħol meħtieġ f'dan il-ġnien u f'żoni ta' soft areas oħra. Dan il-ġardinar ser ikun assenjat mall-Kunsill kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis. Dan il-ġardinar qed jitlob lill-Kunsill biex ikun jista jaħdem aħjar u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jekk il-Kunsill jaċċetta jinxtara moħriet biex isir il-ħart meħtieġ u hedge cutter. Is-Sindku ssuġġerixxa biex darbtejn fil-ġimgħa jew meta jkun meħtieġ, il-cleaner tal-uffiċċju tal-Kunsill tgħati tindifa lill-latrina li tinsab f'dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li jinxtara hedge cutter għal dan il-ġnien u qabel ukoll biex il-cleaner tal-Kunsill tnaddaf din il-latrina kif qal is-Sindku. Is-Sindku qal li fil-latrina ta dan il-ġnien ma hemmx soap dispensers, toilet paper holders u bins. Il-Kunsill qabel li dawn jinxtraw.

16.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellha ssir laqgħa apposta mall-Kuntrattur tal-Wifi4EU u li din għandha trid issir.

16.3.5 Is-Sindku qal li ntalbet biex issir laqgħa mall-Ministru tat-Turiżmu bl-Aġenda:

I. Mġarr ix-Xini Pumping Station;
II. Proġett għal promozzjoni turistika.

Din il-laqgħa ser issir għada 26 ta' Awwissu permezz tal-microsoft teams.

16.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv ġie nfurmat mill-Kuntrattur tal-indafa tat-toroq li l-ħames bins li hemm fi Triq 28 ta' April dawn iddeterjoraw bl-elementi tan-natura u bl-iskart li jinxteħet fihom u għalhekk hu meħtieġ li jinbidlu mill-aktar fis biex b'hekk dan il-promenade jinżamm kif mistħoqq. Il-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjonijiet għal dawn il-bins biex dawn jinbidlu.

16.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex talab lill-Kunsilli biex jara min hu nteressat li jipparteċipa f'festival annwali tal-bizzilla ġewwa l-Croatia. Il-Kunsill wera l-interess tiegħu.

16.3.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejls mingħand individwi dwar żvillup ta' PA/05048/20 site fi Triq Ta' Bebunaq u Triq it-Tempju tal-Imramma fejn se jiġu kostruwiti 22 flats u 15 underlaying garages u swimming pool u li parti minn dan l-iżvillup jinsab f'outside development zone. Il-Kunsill għandu jieħu l-parir mingħand il-Perit.

16.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv bgħat permezz tal-imejl ir-Rapport ta' kull kwart Nru 2 minn Jannar sa Ġunju 2020. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 16.5 Komunikazzjoni

16.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kif kien semmha fil-laqgħa preċedenti d-DLG kien bgħat imejl fejn fakkar li skond Direttiva 7/2019 sa Ġunju 2020 il-Kunsill kellu jgħamel Risk Assessment Report fuq il-playing fields fil-lokal. Il-Kunsill ġabar tlett kwotazzjonijiet u dan sar ir-Risk Assessment fejn fih hemm diversi nuqqasijiet. Il-Kunsill qal li ġala darba l-Kunsill qed jipproponi li taħt dan il-playing field hu maħsub li'l quddiem jsir ġibjun l-Kunsill mhux qed f'qada finanzjarja li jgħamel spejjeż f'dan il-playing field ħlief li jżommu f'kundizzjoni tajba u aċċessibli.

16.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara diversi korrispondenza mall-kumpanija Go p.l.c dwar il-kaxxa tat-telefown ħamra biex tiġi nstallata fi Triq Ta' Ċenċ fil-pjazzetta ta quddiem il-Hotel Ta' Ċenċ minflok dik tal-aluminjum li hemm, il-Kunsill ġie magħrraf li l-kumpanija ma għandiex minn dawn il-kaxxi disponibli u għalhekk il-Kunsill għandu jara hu minn fejn jista jakwista waħda.

16.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm il-ħtieġa li jsiru 10 no parking signs u jinxtraw 10 cones biex meta l-Kunsill jiġi bżonn jużahom ikun jista jsir dan.Il-Pulizija li qed tkun mad-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola qed titlob li l-Kunsill jipprovdi barriers ħfief li jkunu jistgħu jinġarru faċilment mill-pulizija.

16.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill irċieva ir-rimbors ta' €15,693.62 li jinkorpora l-ħlas mid-Development Planning Fund (Planning Authority) għal pagamenti finali tal-proġett tal-Playing Field and Ramps fi Triq Marziena għall-kuntratt li kien ġie ffirmat f'Diċembru 2012. Is-somma ta' €2544.01 ma ġietx użata skont il-kuntratt u ser tingħata lura mal-bilanc tad-DPF assoċjat mall-Kunsill. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex il-Kunsill ikun jaf x'għandu bħala ammont f'dan il-fond tad-DPF.

16.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar il-proġett ta' Flash Mob b'kollaborazzjoni ma GreenPak dwar Save Gozo Support Recycling qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal dawk li huma nteressati li jipparteċipaw. Għandha tiġi ffissata l-ġurnata meta ser issir din. L-ammont ta' dawk li se jipparteċipaw se jkunu skond id-Direttiva tal-Awtorita' tas-saħħa.

16.6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
07 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/056 – EUCF Webinar 30/05/2020 @ 9am
14 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/059 – Active Ageing and Community Care Application
16 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/083 – Workshop BOV fuq Depoziti ts' Flus
23 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/084 – Il- Preżentazzjoni tal-Workshop BOV fuq Depoziti ta' Flus
28 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/085 – Komunikazzjoni AKL u ANSEK
04 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/086 – EU 2020 presidency conference on sport – major focus on local authorities and sport – register asap if desired!
04 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/087 – Launch of Code Week 2020
04 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/088 – Opportunity Knocks (OK) Project – Aġenzija Appoġġ
07 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/089 – Entente Florale Europe
07 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/090 – European Mobility Week Documents
14 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/091 – BOV upload payment file – user manual
14 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/092 – European Mobility Week Documents
24 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/94 – Illum ma Steph – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali

16.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u Direttivi mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari Numru 06/2020 - Kuntratti dwar Ġbir tal-Iskart
Direttiva 4/2020 – Użu tal-Internet Banking
Direttiva 5/2020 – Depożitu ta' Flus fil-Banek

Dwar Direttivi 4/2020 u 5/2020 is-Segretarju Eżekuttiv se jieħu ħsieb biex isiru l-arranġamenti neċessarji mall-bank biex il-Kunsill ikun jista jibda jħallas permezz ta' bank transfers u jkun hemm aktar aċċess fl-użu tal-Internet Banking. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

## 16.6 Il-Proġett ta' Riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita

16.6.1 Is-Sindku qal li kif jaf il-Kunsill peress li kull membru kien mistieden, nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2020 wara nofsinhar flimkien mall-Ministru għal Għawdex u uffiċċjali mill-istess ministeru saret konferenza stampa fi Pjazza Santa Margerita dwar ir-riġenerazjoni ta' din l-istess pjazza. Għal din il-konferenza attenda wkoll l-Perit tal-proġett fejn ġie spjegat dan il-proġett. Għal din l-okkażjoni twaħħlet banner b'xi disinni ta' kif se tkun tidher din il-pjazza.

16.6.2 Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku u kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ġie avviċinat il-Perit tal-proġett biex jiġi spjeġat dan f'din il-laqgħa. Għalhekk waqt din il-laqgħa attenda l-Perit tal-proġett fejn spjega eżatt kif ser tiġi d-dehra ta' din il-pjazza, pero qabel il-Kunsill kellu xi mistoqsijiet dwar Triq Sannat fosthom dwar kif ser tiġi l-bankina ta' quddiem l-latrina pubblika, l-berġa u l-għassa tal-pulizija. Il-Perit spjega dan. Is-Sindku qal fejn ser jitħawwel u jiġi rilokat il-palm li hemm f' Sannat Junction. Il-Perit spjega wkoll il-grading tar-roundabout fil-junction. Wara l-Perit firex fuq il-mejda tal-Kunsill il-pjanti tal-proġett tal-pjazza u ta spjegazzjoni tagħha. Hu semmha l-materjal tal-pavimentar li ser jintuża f'dan il-proġett fosthom, it-Travertin aħmar biex jgħati l-importanza madwar iz-zuntier tal-Knisja. It-Travertin noche/kannella ċar quddiem id-djar tar-residenti. It-triq/karreġjata ser issir b'materjal tal-lava b'effett ta' flame finish biex ma jkunx hemm periklu ta' żlieq u l-parti ta' fejn ġej il-parkeġġ ser ikun bil-materjal porfido. Il-Perit qal li wara diversi laqgħat li hu flimkien mas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u mall-entitajiet u li dawn għadhom għaddejin, l-Enemalta kienet issuġġeriet u talbet biex fil-pjazza jsir walk in service culvert hekk kif issa ser jiġu eliminati l-wires li hemm f'din il-pjazza u fi Triq Sannat u li dan ser isir. Għal għarar tal-ilma minn Triq Ta' Ċenc ser jgħaddu katusi li jgħaqdu mall-katusi ta' Triq Sannat. Ser isir l-bdil tas-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ kif sar fi Triq Sannat. Ser ikun hemm numru ta' ducts biex jaqsmu fejn hemm bżonn fosthom għal zebra crossings u servizzi oħra. F'dan il-proġett qed jiġi inkluż bil-permess tal-Knisja Parrokkjali l-bdil tal-bolovostri ta' madwar iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sindku semmha ukol l-istat tas-siġar li hemm fil-pjazza. Il-Perit qal li f'kelma waħda dan ser ikun proġett ħolistiku inkluż id-dwal li jixgħelu kemm il-Pjazza, il-Knisja u Triq Sannat. Il-Kunsill irringrazzja lill-Perit għal dan it-tgħarif u l-Perit ħalla l-kamra tal-laqgħa fis-2.30 p.m. biex il-Kunsill kompla bl-Aġenda.

## 16.7 Applikazzjoni mill-ġdid - Europe for Citizens

16.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaħ li l-Kunsill ma bbenefikax minn applikazzjoni li kien applika lura fi Frar 2020 bl-isem Enhancing the Democracy of Citizens in small town minn fondi ta' Europe for Citizens, fondi ewropej fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni ġabet 65% u ma' l-applikazzjoni tagħna kien hemm ħafna aktar applikazzjonijiet. Għalhekk hu qal li l-Kunsill għandu jerġa jifli l-applikazzjoni sew, itejjeb u japplika mill-ġdid peress li din l-applikazzjoni tgħalaq fl-1 ta' Settembru 2020. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

## 16.8 Ilmenti u Suġġerimenti

16.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-Ġnien tal-Bidwi hemm il-ħtieġa li tiġi nstallata cctv addiżjonali biex tikkaverja aktar footage lil dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel ma dan.

16.8.2 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li ssuġeriet li jissemmew żewġ toroq f' isem Ganni Muscat u Salvu Debrincat żewġ patrijotti Sannatin li b'ħidmithom ħallew impatt li għandna

ngawdu sal-lum u li jibqa jidgawda għall-ġenerazjonijiet futuri. Huwa issuġerixxa li dawn it-toroq ikunu, iż-żewġ toroq li ser jinfetħu f' Ta' Xamgħan. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u għandu jara fejn jista jgħati dawn l-ismijiet lit-toroq ġodda b'konsultazzjoni mall-board tal-Ismijiet tat-toroq.

16.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien bagħat komunikat lil Transport Malta fuq it-talba tar-resident minn Triq il-Pinnur kantuniera ma' Triq it-Tin biex isiru double yellow lines peress li qed jsir parkeġġ f'din il-kantuniera. Hu nforma lill-Kunsill li minn naħa ta' Transport Malta nfurmawna li aktar hija issue ta' enforcement.

16.8.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Enemalta rigward ilment li ntbgħat lilhom fuq arblu b' bozza li huwa ta' periklu fi Triq Marziena fejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsill nforma lill-Kuntrattur biex dan jiġi rranġat. Il-Kunsill qal li l-arblu huwa propjeta tal-EneMalta u għandhom jiġu nfurmati b'dan.

16.8.5 Il-Kunsill irċieva talba sabiex jitwalu double yellow lines fi Triq Palazz Palina peress li resident fl-istess triq mhux qed ikun jista jidħol u joħroġ bil-vetturi minn ġol-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta dwar din it-talba.

16.8.6 Il-Kunsill irċieva imejl rigward ħaxix ħażin fi Triq Bardan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nforma lill-Kuntrattur dwar dan.

16.8.7 B' referenza għall-ilment numru 11/2020, resident li joqgħod fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 talab li tiġi rranġata l-bankina. Dan l-ilment għandu jiġi ndirizzat lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

16.8.8 Ħaddiem assenjat mall-Kunsill ġibed l-attenzjoni li fi Triq il-Kbira fil-ġnien il-Vittmi tal-Gwerra hemm xi qsari fil-post neqsin li mietu u hemm bżonn li jitħawwlu oħrajn ġodda. Il-Kunsill qabel li dawn jitħawlu bħal dawk li hemm tas-sardinell. Is-Sindku qal li dan l-ispazzju għandu jsir tisbieħ fih. Il-Kunsill qabel ma dan u għandu jara jistax jgħamel dan permezz tal-fondi tad-DPF tal-Planning Authority.

16.8.9 Il-Kuntratt tal-knis fit-toroq ġibed l-attenzjoni li fi Triq Bardan hemm xi ħitan tas-sejjieħ li bil-piż ta' bajtra tax-xewk qed iwaqqgħu l-ġebel fit-triq. Hu qed jissuġġerixi li dawn il-ħitan jiġu rranġati. Il-Kunsill għandhu jgħamel talba lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

16.8.10 B'referenza għall-ilment numru 12/2020, residenta qed tgħid li fi Triq Saguna hemm xi ħofor fi triq. Il-Kunsill qal li din il-parti tat-triq ser tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak mill-MGOZ.

16.8.11 B'referenza għall-ilment numru 13/2020, qed tintalab li ssir rampa għal ġo għalqa fi Triq Bardan. Din it-talba ser issir lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System

16.8.12 B'referenza għall-ilment numru 14/2020, qed jintalab biex fi Triq tal-Gruwa jerġgħu jiġu nstallati road humps biex ma jsir sewqan eċċessiv. Il-Kunsill qabel li f'din it-triq għandha tintalab l-għajnuna ta' Transport Malta biex isir traffic management tagħha.

16.8.13 B'referenza għall-ilment numru 15/2020, qed jintalab biex jiġu rranġati ħofor kbar fi Triq il-Kbira x'aktar dawn il-ħofor saru wara li ttaqbet it-triq għas-servizzi tal-ilma jew tad-drenaġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma b'dan lill-WSC.

16.8.14 Il-Viċi Sindku qalet li ndividwu talab li tiġi nstallata mera fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

16.8.15 Is-Sindku qal li fi Triq il-Kbira kantuniera ma Triq Bardan hemm il-ħtieġa li tiġi nstallata mera kbira. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk il-mera li hemm tridx tinbidel.

16.8.16 Il-Viċi Sindku qalet li fi Triq tal-Gruwa ndividwu talab li tiġi nstallata bozza ġdida fi triq peress li fejn qed jitalab hemm id-dlam. Is-Sindku qal li fi Sqaq Dun Nastas u fi Triq il-Kalati l-Kunsill għandu jibdel dawk il-lampi li hemm bl-lampi dekorattivi. Jekk mill-lista li hemm għal bozoz jkun għad fadal ikun jista jwaħħal waħda minn dawn.

16.8.17 Il-Kunsillier Bajada qal li ndividwu talab biex isiru 1mt. double yellow lines fuq in-naħat tal-garaxx tiegħu biex ikun jista jidħol u joħroġ bil-vettura tiegħu bil-kumdita fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u għandu jitlob lill-Transport Malta dwar dan.

## 16.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 8/2020

16.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 8/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 16.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

16.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.41 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 28 ta' Settembru, 2020

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(Iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv